# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 770/99**

**Numru 26**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Tabib Dottor Mario Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' hames mija disa u sebghin lira u tnax il-centezmu (Lm579.12) rappresentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 430839 u dan wara t-talba tal-konvenut ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telephone (Dokument A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-16 ta' Frar 1998 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Frar 1998 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 9 tal-istess atti) li biha eccepixxa:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici m'huwiex dovut stante li dan thallas.

2. Illi f'kull kaz l-eccipjent ma'ghandux jaghmel tajjeb ghall-spejjez gudizzjarji stante li:

(i) Huwa qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 1998;

(ii) L-eccipjent kien zmien ilu gharraf lis-socjeta attrici li t-telefonati kienu saru minn terza persuna. F'dan ir-rigward kien sar ftehim verbali bejn il-partijiet fis-sens li s-socjeta attrici ma kellhiex tipprocedi biex l-eccipjent jilhaq jigbor il-flus minghand din it-terza persuna. Ftehmu wkoll li jekk ikun hemm xi zviluppi l-eccipjent kellu jigi mgharraf mis-socjeta attrici sabiex ma jsirux spejjez zejda u inutli.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi, jidher li dan il-kaz, ormai, hu limitat ghal decisjoni dwar l-ispejjes. Difatti, mill-provi prodotti, jidher li l-kont kollu specifikat fl-avviz, kien gie imhallas mill-konvenut permezz ta "cheque" datat il-25 ta' Settembru 1999 (ara fol 19 tal-istess atti kif ukoll l-ittra annessa mal-istess "cheque" esebita in fotokopja a fol 20 ibid li, pero', ghandha id-data tas-26 ta' Ottubru 1999).

Illi in rigward il-premess jigi notat is-segwenti:-

a) Dan il-hlas da parti tal-konvenut kien sar wara l-presentata tal-avviz in esami kif ukoll wara in-notifika tal-istess lill-konvenut (ara fol 1 u 8 "a tergo" tal-istess atti).

b) Il-konvenut fix-xhieda tieghu spjega x'kienet ir-raguni ghaliex l-istess kont kien gie imhallas tardivament minnu (ara fol 15 u 16 tal-atti).

c) Il-konvenut (fol 16 tal-atti) spjega ulterjorment li wara li kien ircieva "reminder" dwar l-ammont dovut kien tkellem ma "certu Farrugia" u kien ftehim ma dan "li meta ma setax jistenna aktar, kellu jibghatli "reminder" u jien kont nhallas. Minflok, pero', ircevejt l-Avviz in esami". Hawnhekk il-konvenut kien rega' cempel lill-istess Farrugia li spjegalu, pero', "li kien nesa dwar dak kollu li konna tkellimna dwaru". Ghalhekk il-konvenut kien baghat l-imsemmi "cheque", a saldu, tal-ammont dovut izda qed jirrifjuta li jhallas l-ispejjes "minhabba dak il-ftehim li semmejt ......".

d) Dwar dan l-allegat ftehim ossija arrangament gie prodott <u>Saviour Farrugia</u> (fol 22 tal-atti) li wara li kkonferma li l-konvenut kien hallas l-ammont effettivament dovut minnu fit-3 ta' Novembru 1999 spjega ulterjorment ".... ahna ma nistghux nistennew li abbonat jigbor il-flus minghand haddiehor bhal inkwilin ghax l-abbonat kien ikun responsabbli".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fid-dawl tal-premess, ma tarax kif legalment, tista', b'xi mod, takkolla parti mill-ispejjes lis-socjeta' attrici tenut kont li:

1) l-hlas sar <u>wara</u> l-presentata tal-avviz u n-notifika tal-istess.

2) bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut ma sarx xi ftehim validu skond il-ligi a basi tal-artikolu 1233(d) tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kaz, tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-sojeta’ attrici l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Frar 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg